# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 08

Data tal-laqgħa: 31 t' Ottubru, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 31 t'Ottubru 2019 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**08/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**08/01/01** Ma kienx hemm.

**08/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**08/02/01** **Para 05/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tħejji sejħa għal *Contracts Managers.*

**08/02/02** **Para 05/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tħejji sejħa għal kiri ta' van għal Kunsill.

**08/02/03** **Para 05/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**08/02/04** **Para 05/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 5 *cigarette bins* għal ħdejn il-każini nxtraw.

**08/02/05** **Para 05/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. It-tabelli u s-sinjali ħa jsiru mill-kuntrattur.

**08/02/06** **Para 05/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Triq Ferdinandu issa ġiet *one-way.*

**08/02/07** **Para 05/02/08:** Is-Sindku spjegat li ħa nieħdu parir legali sabiex isir formola ta' kunsens ħalli t-tfal ikunu jistgħu mmorru jilgħabu l-ground u fl-istess ħin jekk jinqala' xi ħaġa l-Kumitat tal-Għargħur FC ma jkunx responsabbli.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**08/02/08** **Para 05/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabelli sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-Madliena Village saru.

**08/02/09** **Para 05/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' quddiem *gate* ta' għalqa fi Triq Mons. Luigi Catania saret.

**08/02/10** **Para 05/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel) ma bediex.

**08/02/11** **Para 05/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta qabel ma jsiru l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki.

**08/02/12** **Para 05/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**08/02/13** **Para 05/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *information panels* waħda għal ħdejn il-kappella ta' San Ġwann u l-oħra għal ħdejn il-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa saru.

**08/02/14** **Para 05/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma approvatx li jsiru *flexible bollards* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza u li ppruvajna nagħmlu kuntatt ma' sid l-għalqa imma kollu għal xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerit li ssir *crash barrier*. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**08/02/15** **Para 05/02/22:** Rigward il-*heritage trail*, is-Sur Abraham Aquilina qal li 'Lanċiritka' tirreferi għas-*Searchlight Battery*. Is-Segretarju Eżekuttiv tat xi eżempji ta' kif tista' ssir il-*heritage trail.* Is-Sur Christopher Fenech spjega li għandha ssir rotta li tibda minn Misraħ il-Knisja u sabiex fuq il-mappa jkun hemm indikat eżatt fejn qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**08/02/16** **Para 05/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert.

**08/02/17** **Para 05/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li matul ix-xahar ta' Ottubru qed nixgħelu t-Torri tas-Semaforu roża biex infakkru *Pink October*.

**08/02/18** **Para 05/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadhom ma sarux iż-żewġ *parking bays* ħdejn il-ħanut Happy Tree fi Triq Mons Luigi Catania.

**08/02/19** . **Para 05/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvaw li jsiru 3 *sleeping police* fi Triq il-Ġnien.

**08/02/20** **Para 05/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika għal Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA sabiex is-sena d-dieħla norganizzaw il-Festa tal-Ħalib b'kollaborazzjoni mal-Benna. Din l-attività ser titella' nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju 2020. Kien hemm qbil unanimu.

**08/02/21** **Para 05/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**08/02/22** **Para 05/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fejn il-garaxx ta' dar 'Our Nest' fi Triq Karmnu Zarb saru żewġ kaxex sofor.

**08/02/23** **Para 05/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**08/02/24** **Para 05/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage suppost dalwaqt jitpoġġa.

**08/02/25** **Para 05/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiem Fredu Cuschieri qed jixkatla u jiżbogħ il-bankijiet ta' Ġnien il-Paċi.

**08/02/26** **Para 05/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bicycle rack* għal ħdejn it-*telephone box* f'Misraħ il-Knisja saret.

**08/02/27** **Para 05/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed niġbru l-istimi sabiex nixtru AED.

**08/02/28** **Para 05/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali.

**08/02/29** **Para 05/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma qablitx li Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**08/02/30** **Para 05/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**08/02/31** **Para 05/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**08/02/32** **Para 05/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Dan sabiex il-kamra tkun tista' tintuża bħala librerija kif ukoll għal servizzi soċjali oħra, u jiżdied sular ieħor.

**08/02/33** **Para 05/02/50:** Is-Sindku resqet li l-lezzjonijiet tal-Pilates u Aerobics ikomplu s-sena d-dieħla. Kien hemm qbil unanimu.

**08/02/34** **Para 05/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Infrastructure Malta biex il-*bus shelter* tal-pjazza jitpoġġa fi Triq ix-Xwieki.

**08/02/35** **Para 05/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*.

**08/02/36** **Para 05/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qassamna ittra bieb bieb rigward is-servizz ġdid li qed joffri l-Kunsill Lokali flimkien ma' The Notebook Centre.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/02/37** **Para 05/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq E. Perren faċċata tal-garaxx tar-resident sar.

**08/02/38** **Para 05/02/58:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna tabella tal-isem ta' Triq San Bartilmew.

**08/02/39** **Para 05/02/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ġdida fi Triq iċ-Ċawl għadha ma saretx.

**08/02/40** **Para 05/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna tabella ta' Motor Cycle taħt il-bankina fi Triq l-Oratorju għax qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-*parking* tal-MC.

**08/02/41** **Para 05/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *Bus Stop* qrib 'The Village Store' fi Triq Caravaggio.

**08/02/42** **Para 05/02/62:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

**08/02/43** **Para 05/02/63:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann għadu ma sarx.

**08/02/44** **Para 05/02/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna *perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill.

**08/02/45** **Para 05/02/65:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**08/02/46** **Para 05/02/67:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Mario Abela ħa jirranġa l-ħsara fid-dawl ta' Ġnien il-Paċi.

**08/02/47** **Para 05/02/68:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**08/02/48** **Para 05/02/69:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa mal-Kap tal-iskola tal-Għargħur saret.

**08/02/49** **Para 05/02/70:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ġdida u kkulurita għal Ġnien il-Paċi saret.

**08/02/50** **Para 05/02/73:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*.

**08/02/51** **Para 05/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *double yellow line* fejn St. Michael's Court fi Triq San Ġwann sar.

**08/02/52** **Para 05/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa niktbu lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

**08/02/53** **Para 05/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* għal taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma, id-*dog bin* għal Vjal ir-Repubblika u d-*dog bin* għal Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-kbira ġew ordnati.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/02/54** **Para 05/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltaqgħet ma' Sur Jeffrey Borg u hu qed jitlob sabiex kull sena nagħtu ftit konkos fl-akwati tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu.

**08/02/55** **Para 05/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 CCTV cameras ġew installati.

**08/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**08/03/01** Is-Sindku tixtieq li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu *refreshing* ta' *zebra crossings*. Is-Sa Gauci qalet ukoll li dawl ta' *zebra crossing* ta' Triq San Ġwann mhux jaħdem, is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa' tinforma lill-kuntrattur. Kien hemm qbil unanimu.

**08/03/02** Is-Sindku proponiet li t-Tberik tal-Annimali għal sena oħra jiġi organizzat fis-17 ta' Mejju 2020.

**08/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**08/04/01** Ma kienx hemm.

**08/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**08/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Settembru 2019).

**08/05/02** Il-Kunsill irċieva stima biex il-ħaddiema mid-Dipartiment tax-xogħlijiet jirranġaw il-parti li waqgħet mill-ħajt ta' Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 t' Ottubru 2019).

**08/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kurt Cortis – *Funding opportunities*.

**08/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti minn Transport Malta – *Request for a better traffic management and parking in Tax-Xwieki area, Għargħur,*

**08/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mid-Dipartiment rigward Ċirkulari 19/2019 – Sistemi ta' *Live-Streaming.*

**08/05/07** Fuq it-talba ta' residenti ta' Triq Mons. Luigi Catania, Sqaq Numru 1 biex isir *culvert*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Rachel Abela – Inizjattiva ġdida bl-isem 'Tan-Nanna Ħelu Manna'.

**08/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – *Notification of receipt of fresh plans* – PA/01334/19.

**08/05/10** Ġiet innutata stima ta' €125 (mingħajr VAT) għas-servizz ta' *Video-on-Demand* mingħand Correct Termination Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 t'Ottubru 2019).

**08/05/12** Fuq it-talba ta' resident biex iwaħħal mera faċċata tal-gate tar-residenza fi Triq Santa Katerina a spejjeż tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 16 t'Ottubru 2019).

**08/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident minn Triq F. Zarb rigward ħsara fil-*culvert*. Hu spjega li meta tagħmel ix-xita l-ilma jidħol ġol-kantina tiegħu. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil Water Services Corporation.

**08/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 23 t'Ottubru 2019).

**08/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar – PA/07090/18 [Proposta: *To carry out modifications to plans of Class 5A premises approved with PA/1853/12 and erect additional Class 5A garages/stores*; Lokazzjoni: GM

**08/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 30 t'Ottubru 2019).

**08/05/18** Fuq it-talba biex isiru kaxxi tal-parkeġġ fi Triq il-Kbira (fil-biċċa t'isfel). Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/19** Fuq it-talba biex issir *Keep Clear* biz-zebgħa safra ħdejn il-kumpless 'The Calling' fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/20** Fuq it-talba għal estenzjoni tal-parkeġġ u *yellow line*, quddiem il-garaxx numru 66 fi Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**08/05/21** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem garaxx li qiegħed fi *drive-in* ta' dar Sunrise Terrace fi Triq Fra D. Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament.

**08/05/22** Fuq it-talba għal *sleeping police* ħdejn Fracia's salon fi Triq l-Oratorju. Is-Sur Christopher Fenech qal li aħjar ma ssirx *sleeping police* f'din it-triq peress li ħdejn din is-salon toqgħod persuna bi bżonnijiet speċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat, il-veloċità għolja għandha tonqos drastikament. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/23** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Karmnu Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**08/05/24** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**08/05/25** Ilment fuq il-*junction box* li saret fi Triq il-Kbira għax naqas parkeġġ. Din il-*junction box* saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

**08/05/26** Fuq it-talba sabiex Triq il-Kbira tiġi *Residents Only*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**08/05/27** Fuq it-talba għal *double yellow line* fuq iż-żewġ naħat tal-kumpless 'The Calling' fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**08/05/28** Fuq it-talba ta' residenta biex dawk li jiġu jilgħab fil-*ground* tal-*football* jiġu b'*minivan* minflok bil-karozzi tagħhom għax qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti minħabba li ma jsibux *parking*. Il-Kunsill ma jistax jidħol f'affarijiet privati.

**08/05/29** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Mattia Preti k/m Triq Giuseppe Cali'. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**08/05/30** Fuq it-talba biex jeħel fanal fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Qiegħed. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel ma teħel il-bozza aħjar isir kuntatt mal-persuna li qed tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni f'din il-kantuniera. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/31** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nibdlu l-*information panel* tax-xelter għax spiċċat. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/32** Is-Sur Abraham Aquilina qal li ra avviz fuq il-*Bus Stop* ta' Triq San Bartilmew li l-karozzi tal-linja mhux ser jgħabbu nies mill-5 ta' Novembru 2019 'il quddiem. Barra minn hekk, is-Sa Marilena Hassan qalet li meta jkun hemm *diversion* mhux l-ewwel darba li l-karozzi tal-linja ma jaslux sa *roundabout* ta' Triq Caravaggio. Is-Segretarju Ezekuttiv ħa tagħmel kuntatt ma' Transport Malta.

**08/05/33** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsir *bus shelter* żgħir fuq il-bankina mal-ġemb tal-knisja minflok il-bank (in-naħa ta' Sqaq ir-Rużarju). Imbagħad il-*bus stop* jiġi fejn il-*bus shelter* u l-karozzi tal-linja jkunu jistgħu jieqfu faċilment mingħajr ma jaffettwaw it-traffiku. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/34** Is-Sa Marilena Hassan qalet li hemm bżonn isiru żewġ *zebra crossings* fi Triq Caravaggio. Is-Sindku spjegat li persuni minn Transport Malta għamlu studju u sabu li veloċità hemm u mhux volum ta' karozzi. Għaldaqstant, huma ssuġġerew li l-*sleeping police* li hemm tersaq lura u ssir oħra ftit metri 'l bogħod. Il-Kunsill qed jistenna direzzjoni bil-miktub minn Transport Malta.

**08/05/35** Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana ħa jagħmel *website* għat-tnax –il Kunsill. Fejn fost l-oħrajn din il-*website* ħa tiġbor fiha informazzjoni fuq ir-raħal, fuq il-kappelli u fuq il-Kunsilliera.

**08/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana qed jitlob permess biex jiġbor l-indirizzi elettroniċi tal-Kunsilliera. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/37** Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-bankina ta' quddiem 'The Village' fi Vjal ir-Repubblika qeda perikoluża. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ngħidu lill-ħaddiema mid-dipartiment tax-xogħlijiet biex jirranġawha fl-iqsar żmien possibbli. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/38** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm xi ħofor fi Triq San Ġwann ħdejn it-torri. Ġie deċiż li nibagħtu lill-ħaddiema tagħna biex jimlewhom.

**08/05/39** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jintalab depożitu ta' €233 bħala garanzija kull darba li jkun hemm talba għal depożitu ta' krejn sabiex jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' ssir f'xi triq jew proprjetà oħra. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/40** Is-Sindku resqet li nippromwovu l-attività tal-*Christmas Market* fuq Facebook. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/41** Is-Sa Marilena Hassan qalet li fil-*bypass* ta' Birguma l-karozzi jibqgħu għaddejjin u ma jagħtux ċans lil min ikun ħiereġ minn ħdejn id-dar tal-anzjani fi Triq M. Murray, Naxxar. Is-Segretarju Eżekuttiv se tinforma l-LESA.

**08/05/42** Is-Sa Marilena Hassan qalet li r-*roundabouts* ċatti ta' Triq Caravaggio ma humiex effettivi. Is-Sur Christopher Fenech spjega li dawn ir-*roundabouts* qegħdin għal tapposta minħabba t-trakkijiet il-kbar u l-karozzi tal-linja biex jgħaddu minn fuqhom.

**08/05/43** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li teħel bozza fi Triq San Bartilmew man-naħa tal-iskola. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/44** Is-Sur Christopher Fenech talab li ssir tabella 'Bicycle Parking Only' ħdejn il-*bicycle rack* tal-pjazza. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/45** Is-Sur Christopher Fenech qal li meta saret il-bankina ta' Triq l-Oratorju parti mill-bankina ma ġietx tajba, għaldaqstant, qed jitlob li jitneħħa l-konkos u tiġi kif suppost. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/46** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nsaqsu lil tal-Convenience Shop jekk jixtiequx *u-bar*. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/47** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir sistema ta' irrigazzjoni fi Ġnien il-Paċi. Hu qal li din is-sistema tiġi tiswa madwar €600. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/48** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li s-Sur Jurgen Baldacchino jarma l-istilla tas-siġra tal-Milied f'Misraħ il-Knisja bħas-snin ta' qabel. Ġie deċiż li s-Sur Baldacchino jarma bil-festuni kemm Triq San Ġwann kif ukoll Triq Stiefnu Zerafa.

**08/05/49** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li mal-ħajt tal-kmamar fi Ġnien il-Paċi jsiru disinji ta' fjuri jew xi karattri tal-*cartoons*. Kien hemm qbil unanimu.

**08/05/50** Is-Sindku qalet li l-Kunsill iltaqa' ma' Sur Simon Aquilina u Sur Bertu Aquilina. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jgħin lis-Sur Simon Aquilina biex jippubblika ktieb fuq ir-raħal. Barra minn hekk, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dan il-kumitat ipoġġi statwa ta' San Bartilmew f'Misraħ il-Knisja fl-okkażjoni tal-250 sena minn meta l-istatwa ta' San Bartilmew waslet il-Għargħur.

**08/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati**

**08/06/01** Ma kienx hemm.

**08/07 Konferma tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-Tender –** ***Provision and maintenance of traffic signs and road markings***

**08/07/01** Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Fenech u l-Kunsillier Aquilina.

**08/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**08/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru 2019 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**